MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Numru. 629/2013

**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**FREDDIE ALFRED ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Freddie Alfred Zahra ta' 40 sena, bin Freddie Alfred u Elizabeth Frances nee' Craig, mwieled l- Ingilterra fil- 21 ta' Awwissu 1972, residenti Happy Days, Flat 1, Triq Barnaba, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 60988M;

Talli nhar is- 17 t' Ottubru 2012 gewwa dawn il- Gzejjer;
1) Assocja ruhu bil- ghan li jaghmel delitt li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija u cioe delitt ta' serq ikkwalifikat bil- mezz u bil- vjolenza numerika;

2) Ukoll talli fl- istess jum u cirkostanzi akkwista, kellu fil- pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa sustanza irritanti li huma projbiti (pepper spray);
3) Fl- istess jum u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f' Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil- pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghoddod ohra tajbin ghall- ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu ghandu f' dak iz- zmien;
4) B' hekk kiser il- kundizzjonijiet tal- liberta' provizorja imposta mill- Qorti preseduta mill- Magistrat Dr C. Stafrace Zammit LL.D fis- 17 ta' Settembru 2012, f' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht depozitu ta' €300 u garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill- istess Qorti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 48A, 261(a)(b), 287, 579(2) tal- Kap 9 u Artikolu 3, Skeda 1, Sub Sec 8 tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah hames (5) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------